



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Frar 2014 — Luxembourg Pamol (Cyprus) u Luxembourg Industries vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-578/13 R)

“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Proċedura għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti — Pubblikazzjoni ta' dokumenti dwar l-inklużjoni ta' sustanza attiva — Ċaħda tat-talba għal trattament kunfidenzjali ta' ċerta informazzjoni — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Ammissibbiltà — Urġenza — Fumus boni juris — Ibbilanċjar tal-interessi”

- 1. Proċeduri għal miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà — Rikors — Rekwiżiti proċedurali — Espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati — Inklużjoni ta' sommarju bil-kategoriji ta' data allegatament kunfidenzjali — Riferiment, għall-finijiet tad-data konkreta, għar-rikors prinċipali anness mat-talba għal miżuri provviżorji — Ammissibbiltà (Artikoli 256(1) TFUE, 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikoli 44(1)(ċ) u 104(2) u (3)) (ara l-punti 26-33)*
- 2. Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà — Ammissibbiltà prima facie tar-rikors prinċipali — Eżami sommarju tar-rikors prinċipali mill-Imħallef għal miżuri provviżorji — Rikors għall-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar it-trattament kunfidenzjali ta' informazzjoni li tinsab fwaħda mid-deċiżjonijiet tagħha (Artikoli 256(1) TFUE u 278 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(2) u (3)) (ara l-punti 35-42)*
- 3. Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-ġhoti — Fumus boni juris — Urġenza — Dannu gravi u irreparabbli — Natura kumulattiva — Ibbilanċjar tal-interessi kollha inkwistjoni — Ordni ta' eżami u metodu ta' verifika — Setgħa diskrezzjonali tal-Imħallef għal miżuri provviżorji (Artikoli 256(1) TFUE, 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(2)) (ara l-punti 44, 45, 47)*
- 4. Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Kundizzjonijiet għall-ġhoti — Ibbilanċjar tal-interessi kollha inkwistjoni — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar it-trattament kunfidenzjali ta' informazzjoni li tinsab fwaħda mid-deċiżjonijiet tagħha — Neċessità li tinżamm l-effettività tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali fir-rikors prinċipali (Artikoli 256(1) TFUE u 278 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(2)) (ara l-punti 66-70)*

5. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-ġħoti — Dannu gravi u irreparabbli — Oneru tal-prova li jaqa' fuq il-parti li titlob il-miżura provviżorja — Riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali — Natura insuffiċjenti sabiex jiġi stabbilit dannu gravi — Evalwazzjoni skont iċ-ċirkustanzi tal-każ — Dannu relatat mal-iżvelar ta' informazzjoni koperta minn sigriet professjonali — Kriterji ta' evalwazzjoni — Importanza tal-informazzjoni għall-impriża kkonċernata u utilità ta' din l-informazzjoni għall-impriżi oħra (Artikoli 256(1) TFUE, 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(2)) (ara l-punti 80-94)*

Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, ikkomunikata lir-rikorrenti permezz ta' ittra tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel (EFSA) tat-8 ta' Ottubru 2013, li tiċħad it-talba tagħhom għal trattament kunfidenzjali ta' ċerta informazzjoni inkluża fir-rapport ta' reviżjoni mill-pari u fl-addendum finali dwar l-inklużjoni tas-sustanza attiva fosfonati tal-potassju, imressqa skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE, tal-15 ta' Lulju 1991, li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 11, p. 332), u skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 188/2011, tal-25 ta' Frar 2011, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414 fir-rigward tal-proċedura għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi li ma kinux fis-suq sentejn wara d-data ta' notifika ta' dik id-Direttiva (ĠU L 53, p. 51).

Dispożittiv

- 1) L-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, ikkomunikata lil Luxembourg Pamol (Cyprus) Ltd u lil Luxembourg Industries Ltd permezz ta' ittra tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel (EFSA) tat-8 ta' Ottubru 2013 u li tiċħad it-talba tagħhom għal trattament kunfidenzjali ta' ċerta informazzjoni inkluża fir-rapport ta' reviżjoni mill-pari u fl-addendum finali dwar l-inklużjoni tas-sustanza attiva fosfonati tal-potassju, hija sospiża.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea hija ordnata ma tippermettix il-pubblikazzjoni, mill-EFSA, ta' verżjoni tar-rapport ta' reviżjoni mill-pari u tal-addendum finali dwar l-inklużjoni tas-sustanza attiva fosfonati tal-potassju, li tkun iktar dettaljata mill-verżjoni b'partijiet imħassra inkluża fl-ittra ta' Luxembourg Pamol (Cyprus) u ta' Luxembourg Industries tal-25 ta' Frar 2013, kif jidhru fl-Anness A 3 tar-rikors prinċipali.
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.